Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 226/2014AE

**Ambrose Licari [I.D. 309769M]**

**vs**

**Rolando Cusimano [I.D. 309311L]**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju 2016.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-17 ta' Marzu 2014, l-attur ippremetta u talab:-

1. *Illi l-partijiet dahlu fi ftehim verbali billi l-attur u l-konvenut hadu restaurant flimkien u l-konvenut kellu jkun il-kok waqt li l-attur kellu jkun il-manager;*

2. *Illi bhala fatt iz-zewg partijiet iffirmaw kuntratt ta' kera datat 4 ta' Awissu 2013 ghal perjodu ta' erba' (4) snin u bhala fatt beda jithallas il-kera wkoll u bdew iservu lin-nies;*

3. *Illi wara ftit zmien il-konvenut qabad u abbanduna l-post tax-xoghol u telaq minn dan ir-restaurant;*

4. *Illi l-attur kien hareg il-flus kollha sabiex jarma dan ir-restaurant kif ukoll xtara stock ghar-restaurant liema investiment il-konvenut accetta li jhallas nofs pero' dan qatt ma ghamlu minkejja li kien interpellat diversi drabi;*

5. *Illi apparti dan l-attur kellu l-intenzjoni li jiftah dan in-negozju bi shah mal-intimat u l-intimat abbanduna dan ir-restaurant bil-konsegwenza li l-attur tilef l-investiment u sofra n-nuqqas ta' introjtu li kien ser jaghmel minn dan ir-restaurant;*

6. *Illi l-attur ghalhekk ma ssarafx l-investiment tieghu minhabba l-abbandun tal-intimat f'din il-joint venture;*

7. *Illi l-intimat qabad u abbanduna dan in-negozju minghajr lanqas ma ta raguni jew lanqas ma kellu raguni valida jew tajba.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligi tieghu fil-konfront tal-attur skond il-ftehim verbali li kellhom bejniethom;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa responsabbli li jhallas lill-attur nofs l-ispejjes li dahal ghalihom l-attur u dan b'accettazzjoni tal-konvenut stess;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi stante n-nuqqas tal-konvenut li jwettaq l-obbligi tieghu fil-konfront tal-attur l-attur sofra danni u hemm dovut danni ghal kull jum u ghal kull nuqqas mill-konvenut versu l-attur;*

4. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;*

5. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma hekk likwidata ai termini tat-talba precedenti;*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni inkluz l-ispejjes tal-mandat ta' sekwestru.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-13 ta' Gunju 2014, il-konvenut wiegeb:-

*Illi l-konvenut u r-rikorrenti kienu dahlu fi ftehim biex ihaddmu flimkien Restaurant imsejjah 'Gatto Matto' fi Triq il-Hgejjeg, f'San Pawl il-Bahar;*

*Illi l-konvenut kkontribwixxa ghan-negozju s-somma ta' sebat elef, sitt mija u disgha u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€7,679.20), ara Dok. RC1 (a fol. 105);*

*Illi n-negozju bejniethom gie mwaqqaf u flimkien kienu krew il-fond fuq imsemmi minn fejn bdew joperaw ir-Restaurant, il-konvenut bhala kok u r-rikorrenti bhala manager;*

*Illi gara li l-konvenut kellu jassenta ruhu minn Malta fuq il-kwistjoni tal-pensjoni tieghu mill-Italia;*

*Illi meta gie lura sab li r-rikorrenti kien irtira mill-kelma mieghu u zarma ir-Restaurant mill-apparat kollu li bih kienu ammobiljaw u bdew ihaddmuh;*

*Illi b'dan il-mod il-konvenut ma setax aktar jaghmel il-kontribut tieghu bhala kok fir-Restaruant 'Gatto Matto' u qed ibati danni konsistenti fis-somma ta' €7,679.20, minnu kkontribwit, u dwar liema somma huwa jirriserva d-drittijiet tieghu fir-rigward.*

Ghaldaqstant:-

1. *Illi huwa dejjem ta l-kontribut tieghu ghan-negozju mar-rikorrenti, bhala kok, sakemm ir-rikorrenti ppermettilu;*

2. *Illi huwa skond il-ftehim ikkontribwixxa s-somma ta' €7,679 u ma kien dovut xejn aktar minnu;*

3. *Illi kien ir-rikorrenti li zammu milli jibqa' jahdem fin-negozju meta dan zarma r-Restaurant minn kollox;*

4. *Illi konsegwentament il-konvenut ma kkawza l-ebda dannu lir-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha kontra r-rikorrenti;*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Il-qorti semghet il-provi u trattazzjoni, u rat l-atti.

**Kwistjoni**.

Il-kontendenti kienu shab f'negozju li kien jikkonsisti fil-gestjoni tar-restaurant "Gatto Matto", Triq il-Hgejjeg, f'San Pawl il-Bahar. Wara li l-fond gie arredat u nfetah ghan-negozju, ftit xhur wara nghalaq. L-attur jippretendi minghand il-konvenut, il-hlas ta':

1. Nofs l-ispejjez li ghamel l-attur sabiex jigi arredat il-fond.
2. Danni in kwantu jsostni li l-konvenut qabad u abbanduna r-restaurant li wassal ghal telf ta' qliegh ghall-attur.

**Konsiderazzjoni**.

1. Skond skrittura privata tatata 14 ta' Novembru 2013, il-partijet ftehemu -

   *"I, the undersigned Rolando Cusimano, acknowledge that the above amounts of €17,717.45 are all the expenses that Ambrose Licari I.D. card 309769M for the restaurant from the date of contract (05/09/2013) till today 14/11/2013. And that half this amount will be paid by me."*

   Pero' mill-provi rrizulta li l-mobbli li kien hemm fir-restaurant ittiehdu kollha mill-attur u bieghhom[1]. L-attur m'ghandux jippretendi li l-konvenut jhallsu nofs il-prezz tal-mobbli li ha l-konvenut. F'dan ir-rigward wara li l-qorti rat Dok. A fol. 10-13[2], tiffissa s-somma ta'

[1] L-attur xehed: *"L-afffarijiet li kien hemm fir-restaurant bieghejthom."*(fol. 86).

[2] Verzjoni dattilografata tad-dokument MF1.

€6,547.37 valur tal-oggetti li ha l-attur[3]. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attur **nofs** is-somma €10,970.08, cjoe' €5485.04 li maghhom trid tizdied is-somma ta' €200 li l-attur sellef lill-konvenut. **It-total hu €5,685.04**.

2. Il-konvenut qal li hu wkoll ghamel spejjez. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghal MSV Life Comprehensive Flexi Plan Policy li sarraf fit-8 ta' Ottubru 2013 ghas-somma ta' €8,203.73. Pero' f'dan ir-rigward il-konvenut ma pprezentax ricevuti u wisq inqas rendikont li jispjega kif suppost intefqet dik is-somma, u dan minkejja li xehed: *"Qieghed nobbliga ruhi illi sas-seduta li jmiss nipprezenta lista komprensiva tal-oggetti illi jiena xtrajt abbazi tad-dokument li pprezenta l-attur u li jinsabu fl-atti minn fol. erbatax (14) sa sebgha u sittin (67)."* (fol. 101). Dan apparti li r-ricevuti li pprezenta l-attur jirreferu ghal spejjez li ghamel hu u li l-konvenut iffirma dikjarazzjoni li ser ihallas nofshom lill-attur.

3. L-attur jippretendi wkoll id-danni minghand il-konvenut, ghaliex isostni li qabad u abbanduna r-restaurant. Dwar dan inghataw verzjonijiet opposti ghal xulxin. L-attur xehed li kien il-konvenut li abbanduna n-negozju; *"Mistoqsi mill-Qorti jekk tanix raguni ghalfejn dan fl-10 ta' Dicembru 2013 dan ma kompliex fir-relazzjoni ta' negozju mieghi, nghid jien cempiltlu u qalli ma nistax nahdem mieghek."* (fol. 85) Ix-xhud Michelle Borg ikkorraborat il-verzjoni tal-attur li kien il-konvenut li telaq mir-restaurant[4]. Min-naha l-ohra l-konvenut qal li dak li gara kien minhabba li ma baqghux jiftehmu. Il-konvenut xehed: *"Jiena mort Palermo ghal jumejn. Kien mietli missieri u mort ukoll ghall-pensjoni. Imbaghad kif irritornajt lura bidilli l-lock tar-restaurant u nehha kull ma kien hemm. L-imwejjed ha, is-siggijiet. Kollox. Kull ma kien hemm."* (fol. 101). Verzjoni li giet korraborata minn Mary Borg[5] u li ma sarilhiex kontro-ezami.

   L-impressjoni li hadet il-qorti hi li sa mill-bidunett in-negozju kien destinat li jfalli. Hu evidenti li hbieb tal-atturipprovaw jifthulu ghajnejh sa mill-bidunett sabiex ma jaghmilx negozju mal-konvenut. Madankollu l-attur kien determinat li jwettaq il-progett. Fi kliem l-attur, *"Jien kelli hsibijiet kbar ghal dan in-negozju."* (fol. 90). Il-qorti fehemet li l-attur ma kellu l-ebda esperjenza fil-*catering* filwaqt li l-konvenut kien diga' avvanzat fl-eta', kien wahdu fil-kcina  u minn dak li qalu Michelle Borg u Jacqueline Farrugia kien habib tal-flixkun tal-inbid. Jirrizulta li n-negozju sfaxxa f'temp ta' tlett xhur. Ghalkemm l-attur xehed li *"konna bdejna nirrankaw"*, ma pprezentax dokumenti li jikkonvincu lill-qorti li hekk gara. Sabiex l-attur jikkonvinci lill-qorti li f'temp daqstant qasir in-negozju kien qabad, kellu ghallinqas jipprezenta l-accounts li suppost kull negozjant izomm. Pero' ma pprezenta xejn. Minn dak li xehedet Michelle Borg (fol. 81), il-qorti pjuttost tara xena

[3] Dawn jinkludu ghamara, accessorji tal-kcina u bar, u forn tal-pizza.

[4] Ara paragrafu ta' qabel tal-ahhar, tal-ahhar pagna tal-affidavit (fol. 82).

[5] Ara l-ahhar paragrafu tal-affidavit (fol. 99).

simili ghal dik fis-sensiela televiza *Fawlty Towers* fejn tirrenja d-dizorganizazzjoni u konfuzjoni. Il-qorti pjuttost temmen li n-negozju falla ghaliex fi zmien qasir ir-relazzjoni bejn il-kontendenti giet kompromessa b'argumenti u n-nuqqas tal-kontendenti li jigbdu l-istess habel. F'dan ir-rigward ix-xhud Jacqueline Farrugia, habiba tal-attur, xehedet: *"I heard them argue many a time whilst I was there* ***which eventually led to this partnership dissolving****."* (fol. 80). L-attur stess xehed: *"Hu minnu li kellna hafna argumenti jien u Cusimano qabel telaq fl-ghaxra ta' Dicembru….."* Ghalkemm l-attur xehed li dawn l-argumenti kien minhabba l-agir tal-konvenut, min-naha tieghu l-konvenut iwahhal fl-attur. Li hu zgur hi li fuq livell ta' xoghol ir-relazzjoni bejn il-kontendenti qatt ma kienet tajba u fi ftit xhur tkissret b'mod irrimedjabbli. L-attur messu zamm il-hbiberija li kellu mal-konvenut u mhux dahal ghall-progett li qatt ma kien ser jirnexxi. Dan kien kaz fejn *the writing was on the wall*, izda l-attur webbes rasu u ghamel fattih.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel talba limitatament fir-rigward tal-ispejjez li ghamel l-attur kif spjegat hawn fuq.**
2. **Tilqa' t-tieni talba limitatament ghas-somma dikjarata hawn fuq[6].**
3. **Tichad l-ahhar tliet talbiet.**

**Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs**.

Anthony Ellul.

[6] Ara paragrafu numru 1 tal-parti tas-sentenza ntestata Konsiderazzjoni.